

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI, IMLAQQGĦIN
FIL-KUNSILL

tal-10 ta' Ġunju 2011

li tawtorizza lill-Presidenza tal-Kunsill biex tinnegozja, fisem l-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet ta' fehim legalment vinkolanti dwar il-foresti fl-Ewropa li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri

(2011/712/UE)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI,
IMLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

Billi:

- (1) Deċiżjoni biex jinfetħu n-negozjati dwar fehim legalment vinkolanti (FLV) dwar il-foresti fl-Ewropa tista' tiġi adottata fis-Sitt Konferenza Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa li ser issir bejn l-14 u s-16 ta' Ġunju 2011 f'Oslo, in-Norveġja.
- (2) Il-Presidenza tal-Kunsill għandha tkun awtorizzata tinnegozja, fisem l-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet tal-FLV dwar il-foresti fl-Ewropa li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri b'dan jawtorizzaw lill-Presidenza tal-Kunsill biex tinnegozja, fisem l-Istati Membri, fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenzi tagħhom u abbażi tal-pożizzjonijiet tagħhom, id-dispożizzjonijiet ta' FLV dwar il-foresti fl-Ewropa, fil-każ li tkun adottata deċiżjoni biex jinfetħu n-negozjati dwar tali FLV fis-Sitt Konferenza Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa, li ser issir bejn l-14 u s-16 ta' Ġunju 2011 f'Oslo, in-Norveġja.

2. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għal deċiżjonijiet futuri tal-Istati Membri rigward il-ħatra tar-rappreżentanti tagħhom dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenzi tagħhom.

Artikolu 2

1. In-negozjati għandhom jitwettqu f'konformità mad-Direttivi ta' Negożjar imniżżla fl-Addendum għal din id-Deċiżjoni.

2. In-negozjati għandhom jiġu mmirati biex jiddied valur dimostrabbli għall-ftehimiet multilaterali u strumenti mhux legalment vinkolanti eżistenti relatati mal-foresti, filwaqt li jiżguraw implimentazzjoni kost-effettiva u jevitaw aktar piżijiet amministrattivi. Huma għandhom jitwettqu f'konformità ma' pożizzjonijiet tan-negozjati stabbiliti mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri u abbażi ta' arranġamenti prattiċi, li t-tnejn li huma għandhom jiġu maqbula b'konsensus. In-negozjati għandhom jitwettqu f'konsultazzjoni mar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-kumitat speċjali msemmi fl-Artikolu 1(4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fin-negozjati dwar fehim legalment vinkolanti dwar il-foresti fl-Ewropa. Il-Presidenza tal-Kunsill għandha tagħmel kull sforz biex tiżgura l-pożizzjonijiet stabbiliti b'dan, u għandha tirrapporta lir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar il-progress tan-negozjati wara kull sessjoni tal-Kumitat Intergovernattiv ta' Negożjar.

3. Il-Presidenza, waqt li taġixxi fisem l-Istati Membri, għandha tikkoopera mill-qrib mal-Kummissjoni waqt il-proċess ta' negozjati, bl-għan li jkun hemm unità fir-rappreżentanza internazzjonali tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Presidenza tal-Kunsill.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-10 ta' Ġunju 2011.

Il-President

FELLEGI T.